Nru./No. 20,925
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 19 ta' Settembru, 2022
Monday, 19th September, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 13,237
Proclamation by the President of Malta *13,237*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 13,238 - 13,239
Government Notices ..... *13,238 - 13,239*

Avviżi tal-Qorti ..... 13,239 - 13,240
Court Notices ..... *13,239 - 13,240*

ANNO DOMINI 2022 NRU. VIII

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT
(L.S.) TA' MALTA

(Iff.) FRANK BEZZINA
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fis-17 ta' Settembru, 2022, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, FRANK BEZZINA, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz ta' Sant'Anton, illum, 17 ta' Settembru, 2022.

B'Awtorità,

(Iff.) ROBERT ABELA
Prim Ministru

ANNO DOMINI 2022 NO. VIII

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT
(L.S.) OF MALTA

(Sd) FRANK BEZZINA
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 17th day of September, 2022, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, FRANK BEZZINA, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at Sant'Anton Palace, this 17th day of September, 2022.

By Authority,

(Sd) ROBERT ABELA
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1220

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa u aktar tard lill-Onor. Owen Bonnici. BA, LLD, MP, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, jassumu d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ħadd, 18 ta' Settembru, 2022, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

Is-16 ta' Settembru, 2022
(OPM/19/2022)

Nru. 1221

ĊITTADINANZA GĦAL SERVIZZI EĊĊEZZJONALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali artikoli 7 u 8 ta' L.S. 188.04, il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza approva li l-Bord taċ-Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali jkun kostitwit kif ġej sal-21 ta' Ġunju, 2025.

Chairperson
Dott. Alexandra Mizzi

Membri
Is-Sur Mark Cutajar
Dott. Charlene Magri
Is-Sa Michelle Lia
Is-Sur Rudolf Degiorgio
Dott. Elaine Degiorgio
Dott. Danika Marmarà

Segretarja
Is-Sa Anette Buhagiar

Din in-Notifikazzjoni tal-Gvern qed tħassar dik bin-Nru. 1129 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,917 tat-2 ta' Settembru, 2022.

Id-19 ta' Settembru, 2022

GOVERNMENT NOTICES

No. 1220

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that Hon. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputy Prime Minister and Minister for Health and later the Hon. Owen Bonnici, BA, LLD, MP, Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government, assume the additional duties of the Prime Minister, on Sunday, 18th September, 2022, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

16th September, 2022

No. 1221

CITIZENSHIP BY MERIT

IT is hereby notified for general information that, in exercise of the powers conferred by the Grant of Citizenship for Exceptional Circumstances Regulation articles 7 and 8 of S.L. 188.04, the Minister for Home Affairs, Security, Reforms and Equality has approved that the Citizenship by Merit Board be constituted as follows up to the 21st June, 2025.

Chairperson
Dr Alexandra Mizzi

Members
Mr Mark Cutajar
Dr Charlene Magri
Ms Michelle Lia
Mr Rudolf Degiorgio
Dr Elaine Degiorgio
Dr Danika Marmarà

Secretary
Ms Anette Buhagiar

This Government Notice supersedes the one with No. 1129 published in the Government Gazette No. 20,917 of the 2nd September, 2022.

19th September, 2022

Nru. 1222

AKKWIST TA' ART

Emenda

NGĦARRFU b'din illi b'referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 450, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,847 tat-28 ta' April, 2022, it-titlu prinċipali kellu jkun 'Revoka ta' Art'.

Id-19 ta' Settembru, 2022

Nru. 1222

ACQUISITION OF LAND

Amendment

IT is hereby notified that, with reference to Government Notice No. 450, published in Government Gazette No. 20,847 of the 28th April, 2022, the main heading should have been 'Revocation of Land'.

19th September, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1620

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-16 ta' Ġunju, 2022, fuq rikors ta' Sammut Mark (KI 155773M) u talba ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 06 ta' Ottubru, 2022 fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt.

L-arja ta' kejl superfiċjali ta' ċirka mija u sittin metru kwadu (160mk) tal-blokk appartamenti bla numru u jismu Medina Court, fi Triq il-Qoton, In-Naxxar, mingħajr piżijiet jew servitujiet imposti u stmata li tiswa mitt elf ewro (€100,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' AL Investments Limited (C 7715).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 5/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 20 ta' Ġunju, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 16th June, 2022, on the application of Sammut Mark (ID 155773M) and on request of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 6th October, 2022, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property.

The airspace of a footprint area of circa one hundred and sixty square metre (160sqm) of a block of apartments, without number, and named Medina Court, in Triq il-Qoton, Naxxar without imposed burdens or servitudes and is valued at one hundred thousand euro (€100,000).

The said tenement is the property of AL Investments Limited (C 7715).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 5/2019.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 20th June, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1621

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta' Ġunju, 2022, fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 160/2018/1 fl-ismijiet Nutar Dott. Joanne Lia u Loraine Hili vs Darren Spiteri u Stefania Spiteri u Clifton Spiteri għal kull interess li jista' jkollhom ordnat is-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

By decree delivered by the Court of Appeal (Inferior Jurisdicton) on 15th June, 2022, in the records of the Appeal Application number 160/2018/1 in the names Notary Doctor Joanne Lia and Loraine Hili vs Darren Spiteri and Stefania Spiteri and Clifton Spiteri for any interest they may have, ordered the following publication pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Permezz ta' Rikors tal-Appell numru 160/2018/1 fl-ismijiet Nutar Dott. Joanne Lia u Loraine Hili vs Darren Spiteri u Stefania Spiteri u Clifton Spiteri, ir-rikorrenti appellati Nutar Dott. Joanne Lia u Loraine Hili qed jipprevalixxu ruħhom mill-Appell Prinċipali tal-intimati appellanti, u jressqu Appell Inċidentali mis-Sentenza Appellata fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-21 ta' April, 2022, inkwantu biss permezz tal-istess Sentenza Appellata, il-Bord qies u ddikjara li l-appellant Clifton Spiteri huwa wkoll kerrej tal-fond mertu tal-kawża.

Għar-raġunijiet kollha msemmija fl-appell inċidentali u dawk l-oħra li jistgħu jirriżultaw fil-kors tas-smigħ ta' dan l-appell, l-esponenti filwaqt li jagħmlu referenza għall-provi kollha prodotti quddiem il-Bord, u għas-sottomissjonijiet ġa magħmula minnhom, jitolbu bir-rispett li din il-Qorti jogħgobha:

i) tiċħad l-Appell Prinċipali, bl-ispejjeż kontra l-appellanti intimati jew min minnhom, u konsegwentement tikkonferma s-Sentenza Appellata fl-ismijiet premessi mogħtija fil-21 ta' April, 2022, fl-intier tagħha ħlief inkwantu ddikjara li Clifton Spiteri għadu kerrej tal-fond mertu tal-kawża, u konsegwentement amministra t-test tal-mezzi għar-rigward tiegħu u kkundannah iħallas mal-appellant l-ieħor Darren Spiteri l-kera skont kif awmentat bl-istess Sentenza Appellata;

ii) tilqa' l-Appell Inċidentali tal-esponenti u tiddikjara li, fil-mori, lanqas l-intimat Clifton Spiteri ma għadu kerrej ta' dan il-fond.

Bl-ispejjeż kontra l-appellanti, jew min minnhom.

Ir-Rikors tal-Appell numru 160/2018/1 fl-ismijiet in-Nutar Dott. Joanne Lia u Loraine Hili vs Darren Spiteri u Stefania Spiteri u Clifton Spiteri jinsab ddiferit għat-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru, 2022, fl-9.40 a.m.

Notifika: Darren Spiteri, 46 (qabel 22), Triq Paris, Birkirkara

Clifton Spiteri, Il-Merill, 15, Triq 1-Għasel, Ħal Qormi

Stefania Spiteri, 46, Triq Paris, Birkirkara

Reġistru tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), illum 12 ta' Settembru, 2022

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of Appeal Application number 160/2018/1 in the names vs Darren Spiteri and Stefania Spiteri and Clifton Spiteri, the appellants Notary Doctor Joanne Lia and Loraine Hili are availing themselves of the Principal Appeal of the respondent appellants, and are filing herewith a Cross Appeal from the Appealed Judgment in the aforementioned names delivered by the Rent Regulation Board on April 21, 2022, only insofar as in the said Appealed Judgment, the Board considered and declared that the appellant Clifton Spiteri is also a tenant of the premises, subject of the case.

For all the reasons mentioned in the cross appeal and those others that may result in the course of the hearing of this appeal, the exponents while making reference to all the evidence presented before the Board, and for the submissions already made by them, they respectfully request that this Court:

i) dismisses the Principal Appeal, with costs against the respondent appellants or any of them, and consequently confirms the Appealed Judgment in the aforementioned names delivered on 21st April, 2022, in its entirety except where it was declared that Clifton Spiteri is still a tenant of the premises, subject of the case, and consequently administered the means test in his regard and sentenced him to pay with the other appellant Darren Spiteri the rent as increased by the same Appealed Judgment;

ii) upholds the Cross Appeal of the exponents and declares that in fact even the respondent Clifton Spiteri is no longer a tenant of these premises.

With costs against the appellants, or any of them.

Appeal number 160/2018/1 in the names Notary Doctor Joanne Lia and Loraine Hili vs Darren Spiteri and Stefania Spiteri and Clifton Spiteri is deferred to the twenty-eighth (28) of September, 2022, at 9:40 a.m.

Notification: Darren Spiteri, 46 (previously 22), Triq Paris, Birkirkara

Clifton Spiteri, Il-Merill, 15, Triq 1-Għasel, Ħal Qormi

Stefania Spiteri, 46, Triq Paris, Birkirkara

Registry of the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction), this day, 15th September, 2022

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603